# "MIN MHUX KONTRA TAGĦNA HU MAGĦNA"
# (Mark 9:38-40)

**A.**

1. Xi nies sinċiera jużaw ħażin Mark 9:38-40.

   "*U wieġeb Ġwanni, billi qal: Mgħallem aħna rajna wieħed ikeċċi x-xjaten f'ismek, u ma ġiex warajna; u aħna ma ħal-lejniehx, għax ma ġiex wrajna.*" *Imma qal Ġesù:* "*La żżom-muhomx: għax m'hemm ebda bniedem li jagħmel miraklu f'ismi, li jista' malajr wara jgħid deni fuqi.*"

2. Xi denominazzjonijiet u kariżmatiċi jgħidu li l-messaġġ f'Mark juri li ma jimpurtax x'dottrina predikatur jippriedka, hu m'għandux ikun ikkritikat sakemm hu jistqarr li "għal" Ġesù.
   a. Dawk in-nies ifaħħru d-diversità u l-pluraliżmu fir-reliġjon.
   b. Huma ma jaħsbux li huwa possibbli li tkun "kontra" Kristu sa-kemm huma jgħidu li huma "għal" Kristu.

3. Tassew li ħadd minn dawk in-nies sinċiera ma jfissru li huma "kont-ra" Kristu.
   a. Imma l-ħarsa minn qabel ta' Ġesù dwar il-ġudizzju turi illi li tkun "għal" Kristu jkun jeħtieġ aktar milli tgħid li inti hekk:

   "*Mhux kull min jgħidli: Mulej, Mulej, jidħol fis-saltna tas-smewwiet: imma dak li jagħmel ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet. Ħafna jgħiduli f'dak il-jum: Mulej, Mulej, ma ħabbarniex f'ismek? U f'ismek keċċejna x-xjaten? U f'ismek għamilna ħafna egħġubijiet? U mbagħad nistqarrilhom: Jiena qatt ma kont nafkom; tbiegħdu minni, intom li tagħmlu l-ħażen*" (Mattew 7:21-23).

4. Għalhekk aħna naraw li l-Istess Mulej li qal il-kliem ta' Mark 9:38-40 qal ukoll il-kliem ta' Mattew 7:21
   a. Jekk aħna "Għal" Kristu, allura għandna noqgħodu għal dak kollu li Hu qal.
   b. Wara li nitgħallmu dik il-lezzjoni, imbagħad inkunu lesti biex induru għall-kliem Tiegħu f'Mark 9:38-40.

5. Ġwanni l-appostlu ra raġel qiegħed ikeċċi x-xjaten f'isem Ġesù, raġel li Ġwanni ma kienx jafu.
   a. Imma apparentament Ġwanni ra li dak ir-raġel ma kienx falz.
   b. Hu kien tassew qiegħed ikeċċi x-xjaten f'isem Ġesù.

   c. Imma ma kienx wieħed mill-appostli.
   d. Għalhekk Ġwanni minn jeddu qal lir-raġel biex jieqaf.
   e. Imbagħad hu qal dak li kien għamel lil Ġesù.
6. Ġesù wera lil Ġwanni li wieħed ma kellux għalfejn ikun appostlu biex ikun eżorċista approvat.
   a. Apparentament, fejn Ġwanni ma kienx jaf, Ġesù kien ta s-setgħa lil dak ir-raġel li jagħmel il-mirakli.
   b. Forsi dak ir-raġel kien wieħed mit-tnejn u sebgħin (72) li Ġesù kien bagħat b'setgħat mirakolużi:

      "*f'kull belt u f'kull post fejn kien se jmur hu*"
      **(Luqa 10:1)**

   c. Imbagħad aħna naqraw li

      "*t-tnejn u sebgħin reġgħu lura ferħana jgħidu: 'Mulej, ix-xjaten ukoll joqgħodu għalina minħabba f'ismek.*"

   d. Apparentament, mela, l-eżorċista ta' Mark 9:38-40 kien dixxiplu tassew ta' Ġesù, għalkemm ma kienx magħruf għal Ġwanni.
   e. U Ġwanni kien żbaljat f'li jaħseb li l-eżorċisti kollha kellhom ikunu appostli.
   f. Ġesù ma kienx se jikkumplimenta lil dak ir-raġel li kieku hu kien fost dawk li:

      "*ġiebu fix-xejn il-pjan li Alla kien fassal għalihom, ladarba l-magħmudija ta' Ġwanni ma ħaduhiex*" (Luqa 7:29-30).

   g. Ġesù għallem li l-magħmudija ta' Ġwanni kienet tant importanti li hu mexa 70 mil (112 kilometri) "*mill-Galilija għall-Ġurdan għand Ġwanni, biex jitgħammed minnu*" (Mattew 3:13).
   h. B'hekk aħna nafu li l-eżorċista ta' Mark 9:38-40 kien ukoll ġie mgħammed minn Ġwanni.
7. Għalhekk Ġesù iddikjara bl-aktar mod ċar illi l-uniku mod li tkun taf jekk wieħed hu "għal" Kristu mhuwiex billi tgħid, "Mulej, Mulej," imma billi tagħmel "ir-rieda" tal-Missier li hu fis-smewwiet (Mattew 7:21).
8. Dak kollu li aħna, bħala nies mhux ispirati nistgħu nkunu nafu dwar "ir-rieda" tal-Missier tas-smewwiet jinsab fit-Testment il-Ġdid.

   a. Li aħna la nistgħu nżidu miegħu u lanqas innaqqsu minnu. (1 Kor. 4:6; 2 Ġwanni 9-11; Riv. 22:18-19).

9. Fit-Testment il-Ġdid aħna nsibu li Kristu għadda l-awtorità Tiegħu biex jorbtu u biex iħollu lil l-appostli tiegħu (Mattew 16:19; 18:18).
   a. Dan jagħmilha neċċesarja li aħna lkoll niddedikaw lilna nfusna "fit-tagħlim ta' l-appostli" (Atti 2:42).
   b. Wieħed minnhom kiteb:

      "*Min jagħraf 'l Alla jismagħna; min mhux t'Alla ma jismagħniex. Minn dan nagħrfu l-ispirtu tal-verità, u l-ispirtu ta' l-iżball*" (1 Ġwanni 4:6).

10. Għalhekk, kull wieħed hu jew "għal" Kristu jew "kontra" Tiegħu.
11. **Mattew 12:30** – "Min mhux miegħi hu kontra tiegħi" u,
12. **Mark 9:40** – "Min mhux kontra tagħna hu magħna."
13. Ir-riżultat huwa li ħafna llum li jixtiequ li jkunu "għal" Kristu huma "kontra" Tiegħu, għaliex huma jirrifjutaw li jkunu ggwidati permezz "tat-tagħlim ta' l-appostli."

**B.**

1. Dawk li jgħidu li huma salvi mingħajr il-magħmudija huma "kontra" Kristu, għaliex il-magħmudija, "issalvana" (Mark 16:16; 1 Pietru 3:21).
2. Dawk li jgħidu lit-trabi għandhom ikunu mgħammda huma "kontra" Kristu għaliex il-magħmudija hija biss għal dawk li huma kbar biż-żejjed biex "jemmnu" (Mark 16:16; Atti 8:37).
3. Dawk li jgħallmu lit-trabi jitwieldu bid-dnub tan-nisel huma "kontra" Kristu għaliex il-Kelma ta'Alla tgħid li huma jitwieldu safja u lid-dnub ma jinteritx (Eżekjel 18:1-4, 19-29; Luqa 18:15-17; 1 Ġwanni 3:4).
4. Dawk li jgħidu li l-magħmudija tista' tkun amministrata bi ftit qtar ta' l-ilma fuq ir-ras huma "kontra" Kristu għaliex il-magħmudija hija "difna" [immersjoni] (Rumani 6:4; Kolossin 2:12).
5. Dawk li jgħidu li "fidi waħda hija tajba daqs fidi oħra" huma "kontra" Kristu, għaliex fit-tagħlim ta' l-appostli hemm biss "fidi waħda" (Efesin 4:5).
6. Dawk li jgħidu li knisja waħda hija tajba daqs knisja oħra huma "kontra" Kristu, għaliex Kristu bena biss knisja waħda (Mattew 16:18; Efesin 4:4).

7. Dawk li jgħidu li llum il-magħmudija ta' l-Ispirtu s-Santu għadha tapplika huma "kontra" Kristu għaliex it-tagħlim ta' l-appostli jgħidilna li hemm biss "magħmudija waħda" (Efesin 4:5).
8. Dawk li jgħidu li "isem wieħed hu tajjeb daqs ieħor" huma "kontra" Kristu, għaliex l-isem "Kristjan" huwa l-uniku isem imniżżel fit-tagħlim ta' l-appostli (Isaija 62:2; 65:15; Atti 4:12; 11:26; Kolossin 3:17; 1 Pietru 4:16).
9. Dawk li jindirizzaw lill-bniedem bħala "Father" u dawk li jaċċettaw dan it-titlu reliġjuż huma "kontra" Kristu, għaliex Kristu Nnifsu ikkundanna dan (Mattew 23:9).
10. Dawk li jindirizzaw lill-bniedem bħala "Reverendu" u dawk kollha li jaċċettaw dan it-titlu reliġjuż huma "kontra" Kristu għaliex dak huwa titlu ta' Alla waħdu (Salm 111:9).
11. Dawk li jaċċettaw t-titlu ta' "Missier Qaddis" (Holy Father) huma "kontra" Kristu għaliex il-Missier Qaddis huwa *Wieħed biss*, Dak li hemm fis-smewwiet (Mattew 23:9; Ġwanni 17:11; Salm 111:9; Apokalissi 15:4).
12. Dawk li ma jaċċettawx lil Kristu u lil l-Ispirtu s-Santu bħala li huma tassew Alla huma "kontra" Kristu għaliex it-tagħlim ta' l-appostli dan jiddikjarah ċar ħafna (Luqa 5:20-25; Ġwanni 1:1; 8:24; 20:28; Atti 20:28; Filippin 2:5-7; Lhud 1:8; Atti 5:3, 4; Mattew 28:19).
13. Dawk li jiċħdu li 'l Alla ta' l-imħabba jista' jibgħat xi nies fil-"kastig ta' dejjem" huma "kontra" Kristu, li qal li hemm "in-nar ta' l-infern," u "l-kastig ta' dejjem" (Mattew 5:22; 25:46).
14. Dawk li jgħidu li l-idoli jew statwi reliġjużi huma ta' għajnuna ħalli wieħed jersaq aktar qrib ta' Alla huma "kontra" Kristu għaliex it-tagħlim ta' l-appostli dan jikkundannah (Atti 17:16-31; 1 Korintin 10: 14, 19; 2 Korintin 5:7; Riv. 9:20; 22:15).
15. Dawk li jgħidu lis-saltna għad trid titwaqqaf fil-futur huma "kontra" Kristu għaliex aħna naqraw fit-tagħlim ta' l-appostli li aħna diġà qegħdin fis-saltna (Mark 9:1; Kolossin 1:13; 1 Pietru 2:9; Riv. 1:9).
16. Dawk li jgħidu li aħna għandna nitolbu lill-qaddisin magħmula mill-bnedmin huma "kontra" Kristu għaliex il-Kelma ta' Alla tgħidilna li "Wieħed hu l-Medjatur bejn Alla u l-bniedem, Ġesù Kristu (1 Timotju 2:5; Kolossin 3:17).
17. Dawk li jgħallmu li bniedem għandu s-setgħa li jaħfer id-dnubiet permezz tal-qrar fil-widna huma "kontra" Kristu għaliex "*Alla waħdu*" għandu dik is-setgħa (Luqa 5:21; Mattew 6:9, 12).

18. Dawk li jgħallmu li bniedem hu r-Ras tal-knisja fuq l-art huma "kontra" Kristu għaliex it-tagħlim ta' l-appostli jgħallem li Kristu biss Hu r-Ras tal-knisja (Kolossin 1:18; Efesin 1:23-23).
19. Dawk li jgħallmu dwar il-viżjonijiet huma "kontra" Kristu għaliex it-tagħlim ta' l-appostli jgħallem il-kontra (2 Korintin 5:7; Kolossin 2:18).
20. Dawk li jgħallmu li wara l-mewt wieħed jista' jkun meħlus mit-tbatija ta' l-hekk imsejjaħ 'purgatorju' permezz tat-talb u l-quddies huma "kontra" Kristu għaliex it-tagħlim tal-Kelma ta' Kristu jgħid "li kull wieħed jieħu skond it-tajjeb jew il-ħażin li jkun għamel meta kien għadu ħaj fil-ġisem." (Luqa 16:19-31; 2 Korintin 5:10, 16; Lhud 8: 12; 10:18).
21. Dawk li jgħallmu li llum is-sagrifiċċju ta' Ġesù għandu jiġi rripetut kuljum fil-quddiesa huma "kontra" Kristu għaliex it-tagħlim ta' l-appostli jgħidilna li Ġesù Kristu offra Lilu Nnifsu darba biss (Lhud 7:25; 9:11-12, 24-28; 10:11-14, 26-27).
22. Dawk li jgħallmu li l-ħobż u l-inbid jinbidel letteralment fil-ġisem u d-demm ta' Kristu fil-quddiesa huma "kontra" Kristu għaliex Kristu Nnifsu qal li "l-ġisem ma jiswa xejn" (Ġwanni 6:63; 2 Korintin 5: 16).
23. Dawk li jgħallmu li xi ħadd ieħor barra minn Kristu tela' fis-sema huma "kontra" Kristu għaliex it-tagħlim ta' l-appostli jgħid li "Ħadd ma tela' s-sema ħlief Bin il-bniedem, li niżel mis-sema" (Ġwanni 3:13; 1 Korintin 15:50).
24. Dawk li jgħallmu li xi wħud se jibqgħu jgħixu fuq l-art huma "kont-ra" Kristu għaliex it-tagħlim ta' l-appostli jgħallem li l-Kristjani kollha għandhom il-wirt tagħhom fis-sema u mhux fuq l-art (Mattew 5:12; Filippin 3:20; 1 Pietru 1:3-5).
25. Dawk li jgħallmu li llum għad għandu jkollna tempju materjali huma "kontra" Kristu għaliex it-tempju tat-Testment il-Ġdid huwa aħna (1 Korintin 3:16-17; 6:19; Efesin 2:21-22).
26. Dawk li jgħallmu li mhux kull Kristjan hu qassis huma "kontra" Kristu għaliex it-tagħlim ta' l-appostli jgħid li l-Kristjani kollha huma "saċerdozju qaddis,… saċerdozzju rjali" (1 Pietru 2:5, 9).
27. Dawk li jgħallmu li l-isqof m'għandux ikun raġel miżżewweġ huma "kontra" Kristu għaliex l-appostli jgħallmu li għandu jkun miżżew-weġ (1 Timotju 3:2; Titu 1:6).

28. Dawk li jgħallmu li l-awtoritajiet tal-knisja jew organizzazzjoni tagħhom għandhom l-awtorità li jinterpretaw l-Iskrittura huma wkoll “kontra” Kristu għaliex l-Ispirtu s-Santu jgħidilna: “Dan fuq kollox għandkom tkunu tafu: li ebda profezija ta’ l-Iskrittura ma għandu **ħadd** ifissira minn rasu. Għax qatt ma kien li xi profezija ġiet mir-rieda tal-bnedmin; imma, meta l-bnedmin tkellmu fl’isem ta’ Alla, dan għamluh għax kienu mqanqlin mill-Ispirtu s-Santu” (2 Pietru 2: 20-21; Atti 17:11; 1 Korintin 10:15; Atti 17:11; 1 Korintin 10:15).

29. Kull min jgħallem li dak li qalu l-profeti tat-Testment il-Qadim għadu japplika għalina jew għall-futur hu “kontra” Kristu għaliex it-tagħlim ta’ l-appostli jgħidilna li dak li l-profeti tat-Testment il-Qadim kienu qalu issa twettaq (Luqa 24:25-27, 44-48; Lhud 1:1, 2).

30. Dawk li jgħallmu li Kristu se jerġa’ jiġi biex iwaqqaf saltna fuq l-art huma “kontra” Kristu għaliex it-tagħlim ta’ l-appostli jgħallem il-kuntrarju (1 Korintin 15:24).

31. Dawk li jgħallmu lit-tajbin ikunu mqajma qabel il-ħżiena u mhux flimkien huma “kontra” Kristu għaliex it-tagħlim ta’ l-appostli jgħid bi kliem l-aktar ċar li kemm il-ħżiena u kemm il-ġusti jkunu mqajma fl-istess ħin (Ġwanni 5:28-29; Mattew 13:24-30, 47-50).

32. Dawk li jgħallmu li l-mexxejja tagħhom huma suċċessuri ta’ l-appostli huma “kontra” Kristu għaliex l-appostli ma kellhom ebda suċċessuri ħlief meta wieħed minnhom kien ittradixxa l-fidi tiegħu (Salm 109:8; Atti 1:21-26; [Ġakbu: Mattew 4:21 – Atti 21:1-2]).

33. Dawk li jgħallmu li bniedem hu r-ragħaj il-kbir tal-knisja huma “kontra” Kristu għaliex l-appostli għallmu li r-Ragħaj il-Kbir Hu Kristu waħdu (1 Pietru 2:25; 5:1, 4).

34. Dawk li jgħallmu li llum nitkellmu bl-ilsna permezz ta’ l-Ispirtu s-Santu hu “kontra” Kristu għaliex it-tagħlim ta’ l-appostli jgħid li dawn “jisktu” meta jiġi dak li hu perfett (1 Korintin 13:8-10) u dak li hu perfett issa ġie (Ġakbu 1:22-25 ).

35. Dawk li jgħallmu li Marija kienet verġni wara t-twelid hu “kontra” Kristu għaliex it-tagħlim ta’ l-appostli hu li ma kinetx (Mattew 1:24-25; Luqa 2:7, 23-24; Mark 3:31-35; 6:1-3).

36. Dawk li jgħallmu li Marija kienet mingħajr dnub huma “kontra” Kristu għaliex it-tagħlim ta’ l-appostli jgħallem li Marija kienet bid-dnub (Luqa 1:47; 18:19; Rumani 3:9-12; 5:12; Lhud 4:15; 1 Pietru 2:22; 1 Ġwanni 3:5).

37. Dawk li jgħallmu li l-Bibbja Mqaddsa mhix biżżejjed għas-salvazz-joni huma “kontra” Kristu għaliex l-appostli għallmu li “l-evanġelju

hu qawwa ta' Alla għas-salvazzjoni" (Rumani 1:16; 2:16; Galatin 1:6-9; 2 Ġwanni 8-9).

38. Kull min iżid jew ineħħi xi kliem mill-Bibbja Mqaddsa hu "kontra" Kristu għaliex it-tagħlim ta' l-appostli jgħid li hemm kundanna fuq kull min jagħmel dan (Galatin 1:6-9; Riv. 22:18-19).

**Atti 2:42** – "*U kienu jżommu sħiħ fit-tagħlim ta' l-appostli u fil-għaqda ta' bejniethom, fil-qsim tal-ħobż u fit-talb.*"